DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1846.

tad-29 ta' Settembru 2022

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/614 ([2]), il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ([3]) ("il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri") ġie iffirmat fil-5 ta' April 2022, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) L-objettivi tal–Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huma li jippermettu lill-Unjoni u r-Repubblika ta' Mauritius jkomplu jaħdmu flimkien biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttar responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Mauritius u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawn l-ilmijiet.

(3) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fil-punt (10) tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri. ([4])

([1]) Approvazzjoni tat-13 ta' Settembru 2022.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/614 tal-11 ta' Frar 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 43).

([3]) ĠU L 115, 13.4.2022, p. 45.

([4]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SÍKELA